ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA **L-ETIKA** **IL-ĦIN: Siegħa**

L-Isem: _____ Il-Klassi: _____

1. **Agħżel il-kliem relatat ma' reliġjon speċifika u dak li hu komuni għal kollha u iktbu taħt il-kolonna t-tajba.**

(12-il marka)

monoteistiku	salib	kitbiet sagri
Torah	Bibbja	Milied
sinagoga	Koran	l-Għaxar Kmandamenti
L-Istilla ta' David	moskea	Nofs Qamar u Stilla

Ġudaiżmu	Kristjaneżmu	Iżlam	Komuni għal kollha

2. **Daħħal il-kelma t-tajba mill-kliem t'hawn taħt.** (12-il marka)

Ortodossi	denominazzjonijiet	maġġoranza
tolleranza	Umanisti	Kattolika Rumana
sekulari	multikulturali	libertà tar-reliġjon
Iżlam	Ġudaiżmu	Protestanti

It-tradizzjonijiet f'Malta huma influwenzati ħafna mir-reliġjon _____. Dan għaliex storikament il-_____ tal-poplu pprattikat din ir-reliġjon. Madankollu, insibu komunitajiet reliġjużi oħra differenti. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal _____ Kristjani oħra bħal _____ u _____, kif ukoll reliġjonijiet oħra bħall-_____, _____, Hindu, Sikh u Bahá'í. Hawn ukoll nies f'Malta li ma josservaw l-ebda reliġjon jew jagħżlu li jsegwu moralità _____. Dawn jinkludu atei, sekularisti, u _____. Għalkemm il-Kostituzzjoni ta' Malta tistabbilixxi l-Kattoliċiżmu bħala r-reliġjon uffiċjali tagħha, madankollu l-_____ hija garantita bħala dritt kostituzzjonali u ġeneralment hi rispettata. Dan it-tip ta' rispett jissejjaħ _____, kwalità li hija stmata fis-soċjetà _____ tagħna.

3. **Aqra l-istudju tal-każ u wieġeb il-mistoqsijiet t'hawn taħt.** (22 marka)

Raymond kien jobgħod tmiem il-jum meta missieru kien jiġi lura d-dar. Mhux minn dejjem kien hekk. Jiftakar kemm kienu jilagħbu l-futbol filgħaxijiet u kif kien joqgħod fuq ħoġor missieru jisma' l-istejjer. Iżda peress li missieru kien ħakmu l-vizzju tax-xorb u beda jidħol id-dar tard, il-folja nqalbet għall-ħażin. Għalkemm Raymond kien ikun għajjien mejjet, dejjem baqa' mqajjem m'ommu sakemm kien jiġi missieru. Kien ikun hemm ħafna argumenti u għajjat, u Raymond kien jinkwieta li missieru kien se jweġġa' lil ommu. L-iskola, Raymond kien jipprova jżomm ruħu mqajjem. Il-ġirien ma baqgħux iżuruhom u lanqas ħallew aktar lil uliedhom imorru jilagħbu miegħu. Iz-zijiet ta' Raymond ukoll waqqfu ż-żjarat tagħhom fi tmiem il-ġimgħa.

"Dan l-abbuż tal-alkoħol irid jieqaf," qalet omm Raymond. "Sakemm ma taqbilx li tfittex l-għajnuna, jien u t-tfal ser nitilqu. Inħobbuk u se nimmisjawk, imma ma terġax tarana."

(adattata minn Alcohol Addiction. https://steemit.com/steemiteducation/@ghostgtr/alcohol-addiction-a-story-lesson-for-kids)

a. Imġiba abitwali tista' ssir _____. (2 marki)

b. Semmi tliet tipi differenti ta' dipendenza minbarra l-alkoħol.

i. _____ ii. _____ iii. _____

(6 marki)

c. Il-vizzju ta' persuna tista' tilħaq punt li fih tkun ta' _____ għaliha nfisha u/jew għall-oħrajn. (2 marki)

d. Persuna bil-vizzju ma tistax tikkontrolla x'qed tagħmel, tieħu jew tuża. M'għandhiex dixxiplina jew _____ tagħha nnifisha. (2 marki)

e. Ikteb żewġ tipi differenti ta' ħsara li possibilment jistgħu jkunu kkawżati minn missier Raymond minħabba l-abbuż tal-alkoħol. (4 marki)

i. _____ ii. _____

f. Ikteb żewġ konsegwenzi negattivi fuq missier Raymond u/jew il-familja tiegħu. (6 marki)

i. _____

ii. _____

4. **Aqra l-istorja qasira t'hawn taħt u wara wieġeb il-mistoqsijiet.** (24 marka)

Regoli, liġijiet u s-soċjetà

Immaġina li żbarkajt f'parti barranija tad-dinja. Hekk kif tirfes fl-ajruport, l-ewwel formola li tiġi mitlub biex timla ssaqsik għall-isem, l-indirizz, u t-tip ta' arma.

Din il-belt hija maħkuma minn kull tip ta' vjolenza. M'hemm l-ebda gvern fil-kontroll u l-liġijiet huma prattikmanet ineżistenti. Il-kaos jirrenja l-ġurnata. In-nies jagħmlu dak li jridu. Isuqu kif jidhrilhom, jieħdu dak li jfettlilhom mingħand in-nies akkost ta' kollox, u jgħixu kif iridu. Ix-xogħol u l-edukazzjoni huma minimi.

Suldati armati, qattiela, gangs, u kriminali oħra joħonqu t-toroq ta' din il-belt. Tibża' li se tiġi maħtuf jew milqut b'arma tan-nar. M'hemm l-ebda pulizija jew qrati biex jinfurzaw il-liġi.

F'din il-parti tad-dinja, min għandu l-aktar armi spiss jifforma tribujiet u jsir l-aktar mexxej b'saħħtu. Huwa sempliċiment wieħed mill-aktar postijiet perikoluži tad-dinja fejn il-liġi ma teżistix.

a. Taħseb li hemm liberta’ f’din il-parti barranija tad-dinja? Għaliex? (2 marki)

_____

_____

b. Għaliex huwa importanti li jkollna l-liġijiet biex ikollna l-libertà? (2 marki)

_____

_____

c. B’liema modi pajjiżek jipproteġi l-libertà tiegħek? (4 marki)

_____

_____

_____

d. X’jiġri f’soċjetà bla liġi? Għaliex? (4 marki)

_____

_____

e. Għaliex il-libertà tagħna tiġi b’responsabbiltajiet u dmirijiet lejn ħaddieħor? (6 marki)

_____

_____

_____

f. Agħti tliet eżempji ta’ modi differenti li bihom wieħed jista’ jaġixxi liberament, filwaqt li jobdi r-regoli u jġib rispett lejn l-oħrajn. (6 marki)

i. _____

_____

ii. _____

_____

ii. _____

_____

5. **Ikteb madwar 120 kelma dwar dan li ġej.** (30 marka)

Jingħad ta’ spiss li aħna għandna obbligu morali li nobdu l-liġi. Li nobdu l-liġi huwa mod kif nuru r-rispett tagħna lejn xulxin u lejn l-awtoritajiet tal-pajjiż.

Imma aħna għandna **dejjem** nobdu l-awtorità? Hemm okkażjonijiet fejn huwa ġġustifikat li ma tobdix lill-awtoritajiet? Tista’ tipprovdi xi eżempji biex issostni t-tweġiba tiegħek?

TMIEM IL-KARTA

PAĠNA VOJTA